MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 46/2005/1

**Bank of Valletta p.l.c.**
**v.**
**Francis Bezzina Wettinger f'ismu proprju u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali "Blue Grotto Development Company Limited" u l-Avukat Dottor Paul Lia u l-Prokuratur Legali John Privitera nominati b'Digriet tas-16 ta' Gunju, 1981 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta` kummercjali "L.C.R.E." Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikorsipprezentat mill-Bank of Valletta Plc fid-19 ta' Jannar 2005, li jaqra hekk:
"Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-4 ta' Novembru 1982 fl-ismijiet "**Paul Azzopardi in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited vs Francis Bezzina Wettinger f'ismu proprju u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali "Blue Grotto Development Company Limited" u l-Avukat Dottor Paul Lia u l-Prokuratur Legali John Privitiera nominati b'digriet tas-16 ta' Gunju 1981 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta` kummercjali "L.C.R.E." Limited"** (Citazz Numru 779/81/JH) (Dok "A"), is-socjeta` rikorrenti giet kanonizzata kreditrici tal-konvenuta fis-somma ta' tnejn u tletin elf, sitt mija u zewg Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu u tmieni millezmi (Lm32,602.26,8) kwantu ghal wiehed u tletin elf u zewg Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm31,002.76) sorte u kwantu ghal elf, hames mija u disgha u disghin Liri Maltin u hamsin centezmu u tmien millezmi (Lm1,599.50,8) spejjez tal-kawza skond taxxa annessa mar-rikors u mmarkata Dok "B", flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mit-18 ta' Marzu, 1981 sal-jum tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez tal-kawza.

"Illi, illum id-debitu tal-intimati jlahhaq is-somma ta' sitta u disghin elf, tlett mija u wiehed u tletin Liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm96,331.46) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2004 sal-jum tal-pagament effettiv.

"Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

"Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza tezegwixxi s-sentenza ta' din L-Onorabbli Qorti moghtija fl-4 ta' Novembru 1982 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta' tnejn u tletin elf, sitt mija u zewg Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu u tmien millezmi (Lm32,602.268)

flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mit-18 ta' Marzu, 1981 sal-jum tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tal-Avukat Dr. Paul Lia u l-Prokuratur Legali John Privitera nomine tat-22 ta' Marzu 2005 li in forza taghha eccepew illi:
"Huma mhumiex edotti mill-fatt tar-rikors promotur, pero` jirrilevaw illi qabel xejn ghandhom jigu esebiti kopji legali tad-dokumenti A u B esebiti mar-rikors tal-Bank rikorrenti."

Rat ir-risposta tas-socjeta` Blue Grotto Development Co. Ltd. (in data 15 ta' April 2005) li in forza taghha eccepiet illi:
"Ghalkemm hija ma ssibx oggezzjoni li s-sentenza tigi awtorizzata biex tigi ezegwita, huma ma jaqblux li l-ammont huwa ta' Lm96,000 kif indikat fit-tieni paragrafu tar-rikors.

"Fir-rigward tal-kumpanija Blue Grotto Limited is-sentenza tghid illi s-socjeta` intimata ghandha thallas Lm1,000 flimkien ma Lm15,501.38 cioe` total ta' Lm16,501.38 flimkien mal-interessi relattivi li, minhabba dak it-trapass taz-zmien igibu s-somma komplessiva ta' Lm33,002.76.

"Jigi rilevat f'dan il-kuntest ukoll illi kontrarjament ghal dak indikat mir-rikorrenti fir-rikors, parti minn din is-somma hija duplikata fit-talba koncernanti Francis Bezzina Wettinger fis-sens illi dak li qed jintalab li jhallas Francis Bezzina Wettinget huwa parti mill-ammont dovut mill-kumpanija intimata u inoltre, l-istess jingahad fl-ammont li qed jintalab il-hlas minghand is-socjeta` L.C.R.E. Limited.

"Illi fil-fatt ghalhekk l-ammont attwalment kanonizzat fis-sentenza msemmija huwa ta' Lm16,501.38 li 20% minnu ghamel tajjeb ghalih Francis Bezzina Wettinger u 80% minnu ghamlet tajjeb ghaliha l-kumpanija L.C.R.E. Limited."

Rat ir-risposta ta' Francis Bezzina Wettinger tal-15 ta' April 2005 li in forza taghha eccepixxa illi:
"Illi jrid jigi carat li ghalkemm huwa ma jsibx oggezzjoni ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza, huwa ma jaqbel

assolutament xejn mat-tieni paragrafu tar-rikors tal-bank fis-sens illi huwa ma jaqbilx li d-debitu huwa ta' sitta u disghin elf, tlett mija u wiehed u tletin Liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm96,331.46).

"Illi minn qari akkurat tas-sentenza in kwistjoni, fil-parti rigwardanti l-intimat, huwa gie kundannat ihallas

- "mitejn lira Maltin (Lm200) flimkien mal-interessi u dan kif kallkolat fl-ewwel paragrafu rigwardanti l-eccipjenti
- "u s-somma ta' tlett elef u mitt Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu u sitt millezmi (Lm3,100.27,6) fir-rigward tat-talba koncernanti l-intimat fit-tieni paragrafu bl-interessi relattivi.

"Stante t-trapass taz-zmien, l-interessi lahqu l-kapital u ghalhekk il-massimu li l-intimat jista' jigi kundannat ihallas huwa sitt elef, sitt mija u hamsa u hamsin centezmu u zewg millezmi (Lm6,600.55,2).

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Dicembru, 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
"tichad l-eccezzjoni tal-*ultra duplum* ghar-ragunijiet fuq imsemmija ghax mhux applikabbli ghall-kaz.

"Tichad l-eccezzjoni li l-ammont huwa duplikat.

"Tilqa' t-talba tal-Bank rikorrent u tawtorizzah jesegwixxi s-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fl-4 ta' Novembru 1982 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament minghand l-Blue Grotto Development Company Limited
A) is-somma ta' elf lira LM1000
B) is-somma ta' hmsistax-il elf hames mija u wiehed liri tmienja w tletin centezmu LM15501.38
C) l-imghax tat-8% fuq iz-zewg ammonti mit-18 ta' Marzu, 1981 li jibqghu jiddekorru minghajr ebda applikazzjoni tal-***ultra duplum***;

"minghand Francis Bezzina Wettinger f'ismu proprio
a) mitejn lira LM200
b) l-imghax tat-8% fuq l-ammont mit-18 ta' Marzu, 1981 li jbqghu jiddekorru minghajr ebda applikazzjoni tal-***ultra duplum***;

"minghand Francis Bezzina Wettinger ***in solidum*** mal-Blue Grotto Development Company Limited
i) tlitt elef u mitt lira sebgha u ghoxrin centezmu u tlitt millezmi LM3100.27,6
ii) l-imghax tat-8% fuq l-ammont mit-18 ta' Marzu, 1981 li jbqghu jiddekorru minghajr ebda applikazzjoni tal-***ultra duplum***;

"Minghand is-socjeta` kummercjali L.C.R.E. Limited
I) tmien mitt lira LM800
II) tnax-il elf erba' mija u wiehed liri ghaxar centezmi u erba' millezmi LM12401.10,4
III) l-imghax tat-8% fuq iz-zewg ammonti mit-18 ta' Marzu, 1981 li jibqghu jiddekorru minghajr ebda applikazzjoni tal-***ultra duplum***;

"it-tlett konvenuti ***in solidum*** l-ispejjez tal-kawza tal-4 ta' Novembru, 1982 u l-imghax tat 8% fuqhom minn din id-data.

"Il-Qorti tifhem id-diffikulta` ta' komputazzjoni b'dan il-mod izda hi kellha tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza imsemmija.

"Spejjez kontra l-konvenuti solidalment."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segweni kunsiderazzjonijiet:
"Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici qedgha titlob l-ezekuzzjoni ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-4 ta' Novembru, 1982 fejn it-talba ma kenitx wahda globali izda specifikata individwalment dwar kull konvenut billi l-Qorti ddecidiet adesivament ghat-talbiet attrici. Infatti irrileva l-konsulent legali tal-konvenuti fejn stqarr li kien hemm talba kontra Blue Grotto Development Company Limited, ohra kontra Francis Bezzina Wettinger

personalment, u finalment kontra l-kumpanija L.C.R.E. Limited.

"***D1. Il-Kap 12 Artikolu 258 jghid:***

"Wara

"(*a*) l-gheluq ta' ghaxar snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (*a*) , (c) u (*d*) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' gie esegwit; jew,…
l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut.

"Fis-sentenza moghtija minn din il-qort (Imh R Pace) fil-kawza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli** et deciza fit-18 ta' April, 2002 inghad:

""Illi minn dan jidher li l-unika ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhhu dwar l-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifka lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh."

"Illi din il-Qorti tirreferi fl-ewwel lok ghal dak li inghad fid-decizjoni
fl-ismijiet **"Joseph Perici Calascione vs Mario Fenech"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2000) u cioe' li:

""Li l-Qorti thoss li apparti l-fatt li l-unika konsiderazzjoni li ghandha taghti din il-Qorti f'procedura bhal din, hija biss dwar l-ezekuzzjoni tas-sentenza u l-ezistenza tal-istess sentenza, u wkoll li tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza biss ghall-ammont kononizzat li jkun ghadu ma thallasx…

“Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **George Pace vs Charles Gauci** (u mhux fl-ismijiet li bi svista kkwota l-konsulent legali tal-attur) citaz 665/1997/1 tal-24 ta’ Novembru, 2004 per Imhallef Philip Sciberras inghad:

““dan ma setax jissolleva eccezzjonijiet fil-meritu f’ kawza ghall-awtorizzazzjoni ta’ ezekuzzjoni ta’ sentenza. Dan anke ghaliex eccezzjonijiet konsimili setghu dejjem jigu facilment sollevati fil-proceduri antecedenti li wasslu ghas-sentenza. Kif kienet irragunat is-sentenza fl-ismijiet “**Emmanuele Falzon *proprio et nomine* -vs- Joseph Vella *et***”, Appell Civili, 5 ta’ Ottubru 1988, kieku l-Qorti kellha taccetta l-principju li l-konvenut jithalla jqajjem eccezzjonijiet fil-meritu tkun qeghda tiftah il-bieb ghall-abbuzi fis-sens li konvenut jinghata l-opportunita` li jtawwal il-proceduri kontrih;

“Huwa evidenti minn din l-osservazzjoni illi f’ kawza ta’ din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-gdid tal-kreditu tieghu izda biss awtorizzazzjoni biex jezegwixxi titolu ezekuttiv gja kanonizzat bis-sentenza precedenti. F’ dan is-sens hi d-decizjoni fl-ismijiet “**John Portelli *nomine* -vs- Henry Azzopardi *proprio et nomine***”, Appell, 29 ta’ Mejju 1997.

“Illi l-istess inghad fid-decizjoni fl-ismijiet **“Carmelo Borg vs Rosaria Vella”** (P.A. (RCP) 31 ta’ Mejju 2000):

““Illi dwar it-tieni kawza citata, fejn allegatament qed tigi attakkata l-validita’ tal-ewwel kuntratt citat, din ukoll ma hijiex ostakolu ghal din il-procedura, limitata fl-iskop taghha ghal dak indikat fl-**Artikolu 258 tal-Kap 12** u xejn izjed, hlief l-accertament li l-att partikolari li qed tintalab leskuzzjoni tieghu wara hames (5) snin ikun wiehed mit-titoli ezekuttivi indikati fl-**Artikolu 253 tal-Kap 12”.**

“***<u>D2. L-imghaxijiet u ultra duplum</u>***

“Il-konvenuti qedghin jibbazaw parti mid-difiza taghhom fuq il-kuncett tal-***ultra duplum*** [li l-imghax ma ghandux jeccedi il-kapital fil-kuntratt tal-mutwu]***.*** Il-ligi L.27.C.de usuris gejja mid-dritt Ruman. Diversi drabi l-Qrati taghna

ddecidew li din ghada applikabbli peress li ma gietx abrogata bl-Ordinanza VII tal-1868.

"Il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti sentenzi rigward dan il-kuncett:
"PA Baldassare Randon et vs Regina Apap et 26/6/1881 – Vol V – 567;
"PA Nutar Giuseppe Raimondo Psaila nomine vs Francesco S Psaila et 22/3/1878 – VIII – 471;
"PA Lorenza Vassallo vs Francesco S Palmier et 31/3/1878 – Vol VIII – 586;
"App Giovanni di Lorenzo Pace Balzan vs Giuseppe Muscat 27/4/1883 – X – 128;
"App Francesco Spiteri vs Hon Adolfo Sciotino noe 18/10/1886 XI – 178
"App Vincenzo Bugeja C.M.G. vs Giuseppe Mirabita et 29/4/1887 – XI – 310
"Kum William Leonard noe et vs Dr Francesco Sammut noe 1/10/1887 – XI – 398;
"Kum Catarina Darmanin vs Dr Filippo Preziosi 31/3/1890;
"App Konkors tal-Kredituri tal-Konti Fontani-Manduca 26/3/1897 ;
"PA Zarb vs Dimech 2/2/1903 XVIII-II-226;
"PA Vella vs Formosa 9/12/1920 XXIV - II -361;
"App Civ Azzopardi vs Chetcuti 15/10/1926;
"PA Decelis vs Briccio 27/1/1926 XXVI-II-231;
"PA Massa vs Sciberras 9/11/1927 – XXVI-II- 503;
"Kum Apap vs Bartolo 23/1/1939 – XXX-III-414;
"Tabone vs Cannataci 6/3/1946 – XXXII-II-249;
"PA Vassallo vs Ballucci 30/4/1947 XXXIII-II-64;
"Kum Bonello vs Lanzon 14/1/1964 – XLVIII-III-1363;
"Kum Galea vs Mifsud Bonnici 16/10/1974;
"Kum Camilleri vs Xuereb 11/3/1980.
"Dawn jikkonfermaw li l-imghax li ma jkunx thallas ma jistax jeccedi l-kapital. L-ammont tal-lukri mhux imhallsa huwa limitat sal-ammont tal-kapital dovut. L-imghax mhux imhallas perjodikament ma ghandux jissupera l-kapital li fuqu jkun dovut.

"***D3. Talba ghal kundanna hlas. Jistghu l-imghax fuq is-sorte jaqbzu l-istess sorte?***

“Izda ghalkemm ir-regola dwar l-***ultra duplum*** tezisti din tirreferi ghal mutwu. Ir-regola li l-imghax ma ghandux jeccedi l-kapital hija applikabbli ghall-kuntratt ta’ mutwu u matul iz-zmien li l-imsemmi kuntratt ikun ghadu ghaddej. F’**Vassallo vs Baluci** fuq imsemmija gie deciz li r-regola tal-***ultra duplum*** mhux applikabbli ghal kuntratt ta’ ***overdraft***.

“Izda hawn wiehed jinnota li dak li qieghed jintalab huwa dwar sentenza finali u mhux dwar kuntratt ta’ self. Jistghu l-imghax fuq is-sorte jaqbzu l-istess sorte? Hawn ma ghandniex il-kuntratt ta’ self izda istitut iehor [ara **Leonard vs Sammut** fuq imsemmija]. Dawn huma d-danni sofferti mill-kreditur. Ir-regola tal-***ultra duplum*** ma hix applikabbli fil-kaz ta’ kanonizazzjoni ta’ flus b’sentenza. Wara s-sentenza msemmija l-ammont sar somma kanonizzat b’sentenza u certament wiehed ma jistax iwaqqaf l-imghax ghax altrimenti jkun jikkonveni lid-debitur li ma jhallasx u ma jigrilu xejn. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-20 ta’ Lulju, 1994 fl-ismijiet **Francis Penza vs John Mallia** fejn l-imsemmija Onorabbli Qorti tal-Appell – Sede Kummercjali rriteniet is-segwenti:-

““Il-ligi taghna difatti ma tistax tkun iktar cara u esplicita minn dak li tistupula fl-Art. 1139 tal-Kodici Civili (Kap. 16) u cioe`:

“‘jekk l-obbligazzjoni li jkollha biss bhala oggett il-hlas ta’ somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tgahha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija.’

““Ikun hemm uzura ghalhekk jekk, ghall-grazzja tal-argument il-kreditur jitlob penali oltre l-interessi jew inkella jekk jitlob imghaxijiet lijissuperw it-tmienja fil-mija fis-sena (ara Art. 1852 tal-istess Kap) imma, altrimenti, ir-regola li tiprojbixxi l-*ultra duplum* ma tirreferix, ma tapplikax, u ghalhekk wkoll ma tistax tigi estiza ghal obbligazzjonijiet bhal din il-kawza meta l-ligi stess tipprovdi xort’ohra.

““In-natura ta’ ‘danni’ inerenti f’daen ix-xorta ta’ interessi tant hija netta u mmarkata li fl-Art. 1140 tal-Kap 16 insibu

wkoll li tali nteressi ghandhom jithallsu minghajr ma jkun mehtieg li l-kreditur jipprova li bata xi telf. Illi li kieku l-Qorti kellha taccetta l-argument tal-appellant il-konsegwenza tkun li meta procediment ta’ kawza jidher tul aktar milli previst biex jigi determinat allura awtomatikament ikun jfisser li f’kaz li l-ezitu jkun sfavorevoli ghad-debitur, id-dewmien jkun qieghed jivvantaggja u jippremja lilu ghaliex l-interessi dovuti in linja ta’ danni ma jkunu qatt jistghu jissuperaw il-kapital u dana meta l-ligi in kwistjoni ma tghid xejn minn dak u quid lex voluit, dixit.”

“***D4. L-ammonti mitluba***

“Fir-rikors il-Bank attur talab l-awtorizzazzjoni biex jesegwixxi s-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fl-4 ta’ Novembru 1982 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta’ tnejn u tletin elf, sitt mija u zewg Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu u tmieni millezmi (Lm32,602.26,8) flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mit-18 ta’ Marzu, 1981 sal-jum tal-pagament effettiv. Fir-risposta tal-Blue Grotto Development Company Limited inghad li s-sentenza tghid illi s-socjeta` intimata ghandha thallas Lm1,000 flimkien ma’ Lm15,501.38 cioe` total ta’ Lm16,501.38 flimkien mal-interessi relattivi. Sostniet li parti minn din is-somma hija duplikata fit-talba koncernanti Francis Bezzina Wettinger fis-sens illi dak li qed jintalab li jhallas Francis Bezzina Wettinget huwa parti mill-ammont dovut mill-kumpanija intimata u inoltre, l-istess jinghad fl-ammont li qed jintalab il-hlas minghand is-socjeta` L.C.R.E. Limited.

“Issa l-Qorti ezaminat ir-rikors ***de quo*** u s-sentenza tal-4 ta’ Novembru, 1982. It-talba fil-proceduri odjerni hija ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza imsemmija. Is-sentenza imsemmija titkellem dwar it-talbiet li saru fic-citazzjoni u fit-tieni pagna raba’ linja wara l-kliem “sad-data tal-effettiv pagament” hemm “u fil-konfront tal-konvenut Francis Bezzina Wettinger…” Importanti ferm hija l-kelma **u.** Fis-sentenza dawn jizdiedu bil-kelma **u** mhux alternattivi minhabba s-solidarjeta`. Fid-19-il linja hemm l-istess haga “u fil-konfront tal-konvenuti…”. La sar appell minn

dik is-sentenza, lanqas ritrattazzjoni u lanqas saru xi provi dwar dan l-aspett fil-proceduri odjerni."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Francis Bezzina Wettinger u Blue Grotto Development Co. Ltd. li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti Civili Prim Awla fil-kawza fl-ismijiet premessi fl-10 ta' Dicembru 2007 billi tiddikjara li l-ammont kapitali dovut minn Francis Bezzina Wettinger u s-socjeta` L.C.R.E. Limited ta' LM3,300.27,6 u LM13,201.10 rispettivament, huma komplessivament involuti fl-ammont kapitali ta' LM16,501.38 dovut mill-Blue Grotto Development Limited u mhux b'addizzjoni ghall-istess.

Rat ir-risposta tal-bank attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li l-appell ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra l-istess appellanti;

Rat ir-risposta tal-Avukat Dottor Paul Lia u l-Prokuratur Legali John Privitera nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, stqarrew li l-appell propost minn Francis Bezzina Wettinger u Blue Grotto Development Co. Ltd. ghandu jirrizulta fondat;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi procedura intiza biex sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Kummerc fl-4 ta' Novembru, 1982, f'kawza bejn l-istess partijiet terga' tinghata forza ezekuttiva peress illi kienu skadew 5 snin minn meta nghatat. Fi procedura simili, l-indagni li trid taghmel il-Qorti hija wahda limitata, u dak li trid tassigura hu li, fil-fatt, jezisti t-titolu ezekuttiv, u li l-ammont dovut, jew parti minnu, ma jkunx gie mhallas mid-debitur kannonizzat. Dan hu dak li sar f'dan il-kaz mill-ewwel Qorti wara li qieset mhux applikabbli difiza ta' *ultra duplum*, fis-sens, li meta kreditu jkun kanonizzat

b’sentenza, ir-regola li l-interessi ma jistghux jeccedu l-kapital ma tapplikax.

Il-konvenuti appellanti ma ressqux aggravju kontra d-decizjoni tal-ewwel Qorti li r-regola ta’ *ultra duplum* hija inapplikabbli fil-kamp tas-somom ta’ flus kanonizzati b’sentenza tal-Qorti, izda qed jappellaw mill-fatt li skond huma, ma harigx car bis-sentenza li l-ammont dovut mill-konvenuti garanti mhux hekk dovut b’addizzjoni mal-ammont dovut mid-debitur principali Blue Grotto, izda solidament mal-istess.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, pero`, hu car li l-ewwel Qorti wara li cahdet l-eccezzjoni li kien hemm xi ammont duplikat, ipprocediet ghall-kundanna tal-konvenuti *in solidum*, u dan peress li d-debitur principali tal-bank kienet is-socjeta` Blue Grotto Development Co. Ltd., waqt li z-zewg konvenuti l-ohra, Francis Bezzina Wettinger u s-socjeta` L.C.R.E. Ltd. kienu biss garanti *in solidum* tad-debitu tal-kumpanija Blue Grotto. Dan johrog car minn qari tas-sentenza u minn ezami tan-negozju guridiku li sehh bejn il-partijiet.

Jekk kien hemm xi dubju fuq hekk, dan zgur sparixxa meta fir-risposta ghall-appell il-bank attur stqarr bla tlaqliq: “*Illi huwa car u manifest ghalhekk illi s-sentenza kienet qed tikkundanna lil kull wiehed mill-intimati solidalment u li l-hlas maghmul minn kull wiehed mill-konvenuti jehles lill-konvenuti l-ohra sal-ammont tal-istess hlas.*”

Fid-dawl ta’ din id-dikjarazzjoni l-appellanti zgur li ma kellhomx ghalfejn jinsistu li tinghata sentenza minn din il-Qorti.

Ghalhekk, fil-waqt li ghal kull buon fini, din il-Qorti tghid li l-kundanna tal-konvenuti mill-ewwel Qorti kienet wahda *in solidum*, u mhux addizzjonali, ma tistax tilqa’ l-appell kif propost, anke ghaliex l-istess konvenuti appellanti setghu inqdew b’dak li jipprovdi l-Artikolu 825(2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u jitolbu mill-ewwel Qorti l-kjarifika mehtiega, jekk kien il-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti Francis Bezzina Wettinger u Blue Grotto Development Co. Ltd. billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Fil-waqt li l-ispejjez in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, dawk relatati ma' din it-tieni istanza ghandhom jithallsu miz-zewg konvenuti appellanti *in solidum*. U peress li dan l-appell hu, min-natura tieghu, ukoll wiehed fieragh fis-sens tas-subartikolu (4) tal-Art. 223 tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti jhallsu lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------